**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 15

**16 ta' Settembru, 2020**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronnie Portelli – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**
**Eugenio Muscat - Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**Oriana Calleja – Viċl Sindku**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

## 15.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**15.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Oriana Calleja li ma setatx jattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet ta' mard. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandiex isir nuqqas fl-*allowance*.**

## 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

**15.2.1 Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.**

**Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.**

## 15.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

**15.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Ronald Portelli ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekonda.**

**Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.**

## 15.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**15.4.1 Is-Sindku qal li huwa u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqaw mas-Sur Michael Mifsud li intagħżel għal vakanza ta' Contracts Manager biex niddiskutu l-kuntratt u dħalna fid-dettal it-tip ta' xogħol li għandhom ssir. Is-Sur Mifsud ġibdilna l-attenzjoni li l-kuntratt immur kontra il-liġi u li hija diskriminazzjoni li fil-kuntratt inniżlu li ma jistax jibqa jaħdem ma kunsill ieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li hija ċċekjat mad-Dipartiment u kkonfermawlha li ma nistgħux indaħħlu klawsola bħal din.**

**Il-Kunsilliera Louise Cachia Casteletti u Eugenio Muscat jixtiequ din il-kjarifika bil-miktub.**

**15.4.2 Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li l-proċedura tad-depożitu tal-flus inbidlet minħabba li l-bank m'għadux jaċċetta minuti. Għaldaqstant qed tkun iktar diffiċli biex nagħtu servizz tajjeb lir-residenti. Għaldaqstant id-Dipartiment issuġġerrixxa li nifthu kont ġdid bl-isem "LC Other entities account" biex il-flus ta' entitajiet oħra jmorru dirett f'dan il-kont u**

wara s-Segretarju Eżekkutiv tagħmel bank transfer lill-entita' ikonċernata u b'hekk il-kunsill jista jibqa jaċċetta l-pagamenti bħas-soltu.

Il-Kunsill qabel.

## 15.5 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

**15.5.1** Il-Kunsillier Eugenio Muscat jixtieq ikun jaf għalfejn din is-sena ma sarux "showers". Is-Sindku infurmah li dawn ma sarux ma Malta kollha minħabba li l-Awtorita' tas-Saħħa irrakommandat li ma jsirux minħabba l-mikrobi li jistgħu jinxterdu.

## 15.6 Update Connecting Through Culture;

**15.6.1** Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li minħabba l-każijiet tal-COVID-19 qed jiżdiedu mhux qed taqbel li norganiżżaw din l-attivita'.

Is-Sindku qal li għalkemm ma nistgħux nagħmlu din l-attivita' din is-sena xorta waħda għandna nagħmlu video clip biex nkunu nistgħu ntellawħ fuq is-social media u nieħdu l-opportunita' fejn nuru xi jsir kull sena u b'hekk nkunu qegħdin nħajru ukoll lin-nies biex jattendu s-sena dieħla.

Il-Kunsill qabel.

## 15.7 Decorative Lights;

**15.7.1** Se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss minħabba lis-Sindku kellu jitlaq kmieni u  ma stajniex nkomplu l-laqgħa peress li l-Viċi Sindku ma kinitx preżenti lanqas.

## 15.8 PA/05429/20;

**15.8.1** Is- Sindku infurma lill-Kunsill li hemm applikazzjoni l-Awtorita' tal-Ipjanar, fejn se jsir "mooring and shelter" u se jibda jingħata servizz ta' trasport bil-baħar lill-publiku. Is-Sindku qal li huwa jaqbel minħabba li se jibda jkun hemm aċċess għal Belt Valletta u jemmen li dan is-servizz huwa komdu għar-residenti ta' Ta' Xbiex

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li huwa ma jaqbilx ma dan is-servizz tat-trasport tal-baħar minħabba li dan se jibda jmur f'postijiet differenti, b'hekk se jkun hawn ħafna nies li jaqbdu dan it-trasport mil-lokalita' tagħna u jibdew jieħdu l-parking tar-residenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija ċċekjat rigward ir-rottot izda ġiet infurmata li l-bidders li jitfgħu t-tender se jkunu qed jissuġġerrixxu r-rottot. Għaldaqstant m'għandiex biżejjed informazzjoni rigward ir-rottot.

## 15.9 Active Ageing;

**15.9.1** Se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss minħabba li s-Sindku kellu jitlaq kmieni u ma stajniex nkomplu l-laqgħa peress li l-Viċi Sindku ma kinitx preżenti lanqas.

## 15.10 Executive Secretary Accumulation of Vacation Leave 2020 to 2021;

**15.10.1 Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv talbet li ġġedded 100 sija tal-vacation leave għas-sena dieħla.**

**Il-Kunsill qabel.**

## 15.11 Reply to Management Letter;

**15.11.1 Ir-reply to Management Letter ġiet mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korezzjoni.**

**Ir-Reply to Management Letter ġiet approvata b'mod unanimu mill-Kunsill.**

## 15.12 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

**15.12.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat ssuġġerixxa li hekk is-sena dieħla ikun għad hemm direttiva minn naħa tal-Ministeru tas-Saħħa li ma nistgħux nagħmlu attivitajiet kbar, xorta waħda għandha ssir b'ċertu għaqal u ħsieb.**

## 15.13 Rapporti mill-Kunsilliera;

**15.13.1 Il-Kunsillier Ronald Portelli qal li xi residenti ilmentaw li l-karozzi qed jgħaddu b'saħħiethom fi Triq Giuseppe Cali. Għaldaqstant issuġġerrixxa li ssir sleeping policeman fejn m'hemmx bini u mat-tellef lil ħadd.**

**Il-kunsill qabel.**

## 15.14 Tmiem tal-laqgha u data tas-Seduta li jmiss;

**15.14.1 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir l-Erbgħa 28 t'Ottubru 2020 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.**

**Il-laqgħa intemmet fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija.**

**Konfermati llum l-Erbgħa 28 t' Ottubru, 2020.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ___________________ | ___________________ |
| **Max Zammit** | **Yasmine Tonna** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |